# MALTA POOL ASSOCIATION

## RANKING TOURNAMENTS 2011/12
## REGOLAMENTI GENERALI

1. Kull player irrid jipprezenta mezz ta' identifikazzjoni, lill-player avversarju, qabel tibda l-loghba. Jinghataw 'walkovers' kontra players li ma jaghmlux dan.

2. Il-'fixtures' tal-loghob ikunu kollha bil-hinijiet. L-ebda 'fixture' ma tista' tigi mibdula minn dik originali hlief meta z-zewg players jaqblu u jiftemhu li jilghabu l-loghba fl-istess gurnata fis- 6.30 pm fl-istess post tal-loghob. F' kaz li jsir dan il-President jew Segretarju ta' l-assocjazzjoni ghandhom jigu nfurmati l-gurnata ta' qabel il-loghba.

3. Jinghataw 15 il-minuti zejda 'grace' fuq il-hin stipulat fil-'fixture'. Players li ma jkunx prezenti ghall-loghob sal-hin massimu jitilfu l-loghba u jigu kunsidrati li taw 'walkover'. L-ebda loghba, ghall-ebda raguni, ma' tista tintlaghab wara li tkun dikjarata 'walkover'. Player li jaghti 'walkover' jitlef il-punti kollha miksuba fl-istess tournament.

4. Id-direttur tat-'tournament' ghandu jsejjah lill-players li jkun imiss fil-hin stipulat fil-'fixtures'. Players li ma jkunux prezenti fil-hin, sahansitra jekk ma jkunx hemm imwejjed tal-loghob disponibli, jitilfu l-loghba u jigu kunsidrati li taw 'walkover'.

5. Wara kull loghba l-player rebbieh ghandu jirraporta r-rizultat lid-direttur tat-'tournament'.

6. Mis-semi finali l-quddiem, il-players irridu jilbsu qalziet (Jeans jew forma/ 'cut' ta' jeans mhux accettabli), qmis bic-coff/ingravata u sidrija. Minn jonqos minn dan jitlef il-loghba u tinghata 'walkover' kontrih.

7. Mis-semi finali l-quddiem jigu ntrodotti r-regolamenti tal- HIN ALLOKAT. Id-direttur tat-'tournament' izomm id-dritt li jintroduci dan ir-regolament f' fazijiet qabel.

8. Il-loghob kollu jkun imqassam hekk: L-ewwel rounds l-ahjar minn 9 'frames', l-ahhar tnejn u tlettin u l-ahhar sittax l-ahjar minn 11 –il 'frame', kwarti tal-finali l-ahjar minn 13 -il 'frame', semi finali l-ahjar minn 15 -il 'frame' u l-finali l-ahjar minn 17 -il 'frame'.

**Vincent Degiorgio**
Segretarju